MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 612/2003

Kawza fil-lista: 67

**A B**
**Vs**
**C u D konjugi E,**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, u**
**C E nominata kuratrici ad litem b' digriet tal-21 ta' April 2004 sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri F E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-konvenuta zzewget lill-konvenut l-iehor D E fl-4 ta' Lulju 2002, izda qatt ma ghixu flimkien; u

Premess illi fl-10 ta’ April 2003, twieldet tarbija, l-minuri F E (Dok. A); u

Premess illi mill-11 ta’ Lulju 2002, l-attur beda relazzjoni mal-konvenuta li baqghet ghaddejja ghal aktar minn ghaxar xhur; u

Premess illi ghalkemm din it-tarbija twieldet fiz-zwieg bejn il-konvenuti E, u ghalhekk bhala missier it-tarbija gie rregistrat il-konvenut E, l-attur jsostni illi l-minuri huwa wild naturali tieghu, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat (Dok. B); u

Premess illi l-attur ghalhekk qed jikkontesta l-paternita’ tal-konvenut E fil-konfront tal-minuri F, ai termini tal-artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti
m’ ghandhiex:
1. Tiddikjara illi l-imsemmija tarbija ma hix wild naturali tal-konvenut D E.

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem D E, il-professjoni jew sengha tal-istess E, l-eta’, post tat-twelid u residenza ta’ l-istess, kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut E u jekk mhuwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba, u jekk jehtieg, f’ kull att iehor relattiv u sussegwenti u jigu sostitwiti bil-kliem A B u taghrif relatt ghall-istess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-

talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha ghandhom jigu kkancellati l-kliem "the said" minn taht il-kolonna li tispecifika t-taghrif dwar l-omm fl-Att tat-Twelid koncernat.

3. Illi l-attur A B ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenuti C u D E debitament notifikati ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-relazzjoni tal-espert xjentifiku Christopher Farrugia minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri F E mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut D E, izda huwa l-wild naturali tieghu; u talab il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri, bin-numru 1625/2003.

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien fl-impossibilita' fisika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha.

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe* deciza fit-28 ta' Frar 2003.

Illi mill-provi jirrizulta li fil-11 ta' Lulju 2002 l-attur beda relazzjoni mal-konvenuta C E, li damet sejra ghal diversi xhur; u li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri F fl-10 ta' April 2003, li pero' kellu jigi registrat fir-Registru Pubbliku bhala wild il-konvenut D E stante li fiz-zmien tat-twelid dana kien mizzewweg lill-konvenuta C E.

Illi ir-rizultat ta' testijiet tad-DNA jikkonfortaw it-tesi ta' l-attur li l-minuri F huwa fil-fatt il-wild naturali ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tiddikjara li l-minuri F mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut D E, izda huwa t-tifel naturali ta' l-attur A B li ghandu n-numru ta' l-identita' 52583, bin Joseph B [haj] imwieled il-Pieta' u fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kien residenti Hal Qormi u kellu 20 sena; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 1625/2003 tal-minuri F billi jitnehha l-isem u l-konnotati ta' D E u minflok jitnizzel l-isem tal-attur A B u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta C E fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------